MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2008

Appell Kriminali Numru. 57/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. S. Camilleri)**
**Vs**
**Joseph Schembri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli

1. ghax-xhur ta' Ottubru, 2007, Novembru 2007 u Dicembru 2007, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi w li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, ghalkemm ordnat mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) datat 23 ta' Frar, 2007, digriet nru. 318/07, naqas li jaghti lil martu Rosalie Schembri s-somma ta' LM50 fix-xahar b'effett mill-1 ta' Frar, 2007 bhala manteniment ghal Rosalie Schembri ghaliha u/jew ghal wild minuri minghajr raguni xierqa;

2. sar recidiv u dan in vista ta’ sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali (Magt. Dr. A.J. Vella LL.D) datata 28 ta’ Mejju, 2007 konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali datata 12 ta’ Lulju, 2007 u dik tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali datata 3 ta’ Dicembru, 2007.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-25 ta’ Frar, 2008, li biha, wara li rat l-artikoli 338(z), 18, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati ta’ l-imputazzjonijiet kif dedotti, w ikkundannatu ghal tlett (3) xhur prigunerija.
Il-Qorti spjegat il-portata ta’ dik is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-3 ta’ Marzu, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kull piena w imputazzjoni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- 1. li fl-ewwel lok is-sentenza appellata hija nulla peress li ma ssemmix il-fatti li jikkomponu r-reat u lanqas ma hemm tismija taht liema provvediment tal-ligi qieghda ssibu hati, zewg ingredjenti ta' kull sentenza li huma tassattivament u *ad validitatem* rikjesti mil-ligi. 2. Li fir-rikors ghat-talba tal-manteminent Rosalie Schembri illimitat ruha ghall-ghotja tieghu w specifikatament bhala *pendente lite*. Din l-ahhar tip ta' talba ssir taht l-artikolu 25 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta. Invece fl-artikolu 46A, ghalkemm veru fil-margini tieghu hemm referenza ghall-manteniment *pendente lite*, din il-frazi mhux imsemmija fil-korp tal-artikolu li jirrigwarda talba ghall-ghotja ta' manteniment meta tkun saret talba ghall-firda w mhux ghall-manteniment biss. Li l-indikazzjonijiet fil-margini ta' provvediment ma jaghmlux parti mill-ligi. Ghalhekk il-frazi *pendente lite* fil-margini tal-artikolu 46A mhix parti mill-korp tal-artikolu li jirregola l-manteniment waqt il-firda.

Ghalhekk it-talbiet ta' Rosalie Schembri ghall-manteniment mhumiex cari peress li hemm nebolozita' ta' azzjonijiet civili li mhux indikat ghall-liema wahda minnhom qed tirriferi ghalihom. Kwindi f' dan il-kaz l-ammont li qed jintalab *pendente lite*, u kwindi hu prezuppost li hemm kawza pendenti, fl-ebda stadju tal-kawza odjerna ma tressqet imqar l-icken prova li di fatti l-kawza tassew tezisti. 3. Bla pregudizzju, mart l-appellant ghandha impieg jew xi xorta ta' introjtu li ma jiggustifikax il-hlas ta' tali manteniment. 4. Apparti dan ma jezistux l-estremi tar-reat li qed jigi kontemplat. 5. Li r-recidiva ma gietx pruvata sodisfacentement skond il-ligi. 6. Li f' kull kaz il-piena li giet inflitta la hi wahda kommizurabbli mac-cirkostanzi w lanqas gustifikata. Jekk is-sentenza appellata tigi konfermata dan ikun ifisser li sakemm idum il-habs l-appellant, minghjar ma jkun jista' jmur ghax-xoghol, ikun qed jigi kundannat biex tassew ma jibqax f' pozizzjoni li potenzjalment ma jhallasx manteniment lil martu sabiex is-sitwazzjoni tiggrava altar.

Semghet ix-xiehda ta' Rosalie Schembri;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Mid-depozizzjoni ta' Rosalie Schembri, rrizulta li l-appellant sad-data meta xehdet ma kienx hallasha tal-manteniment ghax-xhur ta' Ottubru, Novembru w Dicembru, 2007 u li minn Jannar, 2008 'l hawn l-appellant ukoll ma kien hallasha xejn. L-appellant kien qed jahdem ghal rasu jaghmel *kits* tal-*fibre glass* tal-karozzi. Hi ma tahdimx.

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant li s-sentenza hija nulla ghax ma ssemmiex ta' xhiex l-appellant instab hati w l-artikolu tal-ligi li tahtu nstab hati huwa manifestament infondat. Skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, <u>ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati</u>, taghti l-piena <u>w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta’ kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat;</u>

Skond gurisprudenza kostanti ta’ din il-Qorti n-nuqqas li jsir dan jimporta n-nullita’ tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta’ formalita’ sostanzjali. F’ kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza w tiddeciedi l-kawza hi stess skond dak li jipprovdi l-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali . (ara f’ dan is-sens l-Appelli Kriminali : **“Il-Pulizija vs. Paul Cachia**” [25.9.2003] ; **“Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**” [9.9.2002]; **“Il-Pulizija vs.Benjamin Muscat**” [10.7.2002 u 28.6.2002] **“Il-Pulizija vs. Donald Cilia**” [24.4.2002] u ohrajn).

Imma dan certament li ma japplikax ghall-kaz in meritu ghax mit-traskrizzjoni dattilografata tas-sentenza a fol-6 u 7 tal-process, iffirmata mill-Magistrat Dottor Antonio Vella, jirrizulta car ta' xhiex l-appellant kien qed jigi akkuzat u t' xhiex instab hati. Inoltre hemm ukoll riferenza ghall-artikolu 338 (z) tal-Kodici Kriminali relattiv ghar-reat ta' nuqqas ta' hlas ta' manteniment, apparti ghall-artikolu 18 li johloq ir-reat kontinwat u l-artikoli 49 u 50 li jirrigwardaw ir-recidiva.

Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint.

Illi dwar it-tieni aggravju, dan aktar minn haga ohra, jirrigwarda interpretazzjoni li ghandha tinghata lill-ligi civili u partikolarment lill-artikoli 25 u 46A tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, ezercizzju li zgur ma jaqax fil-kompetenza ta' din il-Qorti. L-artikolu 338 (z) li tahtu instab hati l-appellant jitkellem fuq il-kaz fejn persuna "*meta hekk ordnat minn xi qorti… jonqos li jaghti lill-martu…is-somma ifissata minn dik il-Qorti… bhala manteniment ghaliha… u, jew ghall-ulied fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni ..ikollha tithallas dik is-somma*". Dan l-artikolu ma jiddistingwix bejn manteniment "*pendente lite*" jew xort' ohra w l-fatt li jikkostitwixxi r-reat in dizamina hu n-nuqqas ta' ubbidjenza ta' jew ottemperanza ma tali ordni.

Illi mid-Digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tat-23 ta' Frar, 2007, li kopja tieghu tinsab a fol. 4 tal-process, jirrizulta li fir-rikors taghha quddiem dik il-Qorti, Rosalie

Schembri, wara li ppremettiet li hi w l-appellant kienu ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni, talbet li dik il-Qorti tordna lill-appellant sabiex *pendente lite* jhallas lilha dik ir-retta alimentarja li tigi ffissata mill-istess Qorti. Il-Qorti Civili laqghet it-talba w ordnat lill-appellant "*jhallas* ***__manteniment__*** *ta' LM50 fix-xahar lir-rikorrenti , b' effett mill-1 ta' Frar, 2007"* (emfasi w sottolinear ta' din il-Qorti)

Din il-Qorti, trid tkun sodisfatta biss li tali ordni jezisti w ma tidholx fil-mertu jekk tali digriet fejn gie ordnat il-hlas tal-manteniment kienx gustifikat jew le. Altrimenti tkun qed tuzurpa l-funzjoni tal-Qorti tal-Appell (Civili).

Kif irriteniet din il-Qorti fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Publius Said"** [7.9.2003], din il-Qorti terga ttenni dak li diga' gie ritenut minnha diversament preseduta w kif ukoll kif preseduta (ara Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Jacqueline Zammit"** [15.5.03] ) w cioe' li l-ordnijiet tal-Qrati jridu jigu osservati skrupolozament u minghajr tfettieq u kavillar zejjed, inkella facilment f'kawzi bhal dawn, fejn ikun hemm element qawwi ta' pika bejn il-mizzewgin dwar kull haga possibbli w immaginabbli, din il-Qorti tigi ridotta f' Qorti ta' appell mid-digrieti tal-Qrati Civili. Ir-rimedju ta' min ikun ihossu aggravat b' xi digriet tal-Qrati Civili dwar alimenti mhux li jiehu l-ligi b'idejh, imma li jirrikorri lill-istess Qorti li tkun emanat id-digriet jew ordni relattiv u jitlob revoka, varjazzjoni jew aggustament tieghu biex jittiehed kont ta' xi kambjament fis-sitwazzjoni, jew jimpunjah bi procedura civili appozita fejn ikun il-kaz.

Illi din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs. Raymond Cutajar"** [2.9.1999] kienet irriteniet testwalment hekk :-

*"Ordni ghall-hlas ta' manteniment kontenut f' Digriet moghti mis-Sekond' Awla jibqa' validu ghall-fini w effetti kollha tal-art. 338(z) ………. kemm il-darba ma jkunx irrizulta li dak id-Digriet gie espressament revokat jew altrimenti mibdul mill-istess Sekond' Awla u salv il-prova tar-rikonciljazzjoni jew ta' dikjarazzjoni ta' Qorti ohra kompetenti li dak id-Digriet jew dak l-ordni kien null . "*

*"Ghall-finijiet tal-imsemmi art. 338(z) hu bizzejjed li l-Prosekuzzjoni tipprova :-*
*1. li nghata ordni minn Qorti ghall-hlas ta' manteniment (billi ggib kopja legali tad-Digriet ……., jew kieku si tratta ta' ordni kontenut f'sentenza, kopja legali tas-sentenza relattiva.)*
*2. li dak il-manteniment ma thallasx fi zmien hmistax (15) il-jum minn dak il-jum li fih skond l-ordni , kellha tithallas is-somma ."*
*Ikun jispetta umbaghad lill-akkuzat li jipprova , jekk irid, u fuq bazi ta' probabbilita' li dak l-ordni kien gie revokat jew mibdul jew dikjarat null mill-Qorti kompetenti jew li kienet saret rikonciljazzjoni . "* (emfasi u sottolinear ta' din il-Qorti)

Dik il-Qorti kienet ghamlet ukoll riferenza ghal sentenza ohra taghha diversament preseduta fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Mario Mallia"** [8.5.1998] fejn ukoll gie ritenut:-

*"....ghal finijiet ta' kawza penali meta l-imputazzjoni tipotizza r-reat kontravenzjonali fil-paragrafu (z) tal-Artikolu 338 tal-Kap.9 , hu rrilevanti meta giet intavolata l-kawza ta' separazzjoni jew jekk intalbitx o meno proroga tad-digriet originali ; galadarba l-ordni kontenut f' dak id-Digriet ma kienx gie espressament revokat jew altrimenti mibdul mill-istess Sekond' Awla jew mill-Prim' Awla ( u salv il-prova ta' rikonciljazzjoni jew ta'*
*dikjarazzjoni ta' Qorti ohra kompetenti li dak id-digriet jew dak l-ordni kien null) l-ordni ghall-hlas tal-manteniment jibqa' validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali -- ara f'dan is-sens "Il-Pulizija vs. Lawrence Cilia (App. Krim. 10/3/95 u l-Pulizija v. Carmelo Farrugia, App. Krim. 23.1.1998".*

Ghalhekk, anki jekk - kif jissottometti l-appellant - il-manteniment kien gie akkordat *"pendente lite",* il-fatt li ma saritx il-prova f' din il-kawza jekk saritx jew le u ghadhiex miexja jew le l-kawza ta' separazzjoni bejn l-appellant u martu huwa irrilevanti sakemm ma jirrizultax li d-Digriet tat-23 ta' Frar, 2007 (Fol. 4) kien gie revokat jew varjat, haga li ma rrizultatx.

Ghalhekk anki dan it-tieni aggravju qed jigi respint.

Illi it-tielet aggravju u cioe' li mart l-appellant ghandha introjti ohra hu ukoll manifestament infondat ghax din l-allegazzjoni giet michuda kategorikament minn Rosalie Schembri fix-xiehda taghha w hi ma giet kontradetta minn ebda prova kuntrarja.

F' kull kaz anki kieku dan kien jirrizulta, l-appellant xorta ma jistax jiehu l-ligi b' idejh u jwaqqaf il-hlas tal-manteniment lilu ordnat ghaliex, kif irriteniet din il-Qorti fl-Appell Kriminali **“Il-Pulizija vs Alfred Camilleri”** [18.9.2002] fejn ghamlet ukoll riferenza ghal-sentenza ohra ta’ din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Anthony Saliba**; [15.7.1998], fejn ikun hemm kambjament fic-cirkostanzi, dan ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-Digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta’ natura kontravenzjonali li tahtu hu akkuzat l-appellant . Ir-rimedju li ghandu w li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi zmien utili lill-Qorti Civili kompetenti biex din, wara li tiehu konjizzjoni tal-kambjamenti li jirrizultaw mill-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. Hu biss wara li jottjeni tali modifika, li hu jkun jista' jissospendi l-hlas tal-manteniment jew ihallas inqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir, jibqa’ marbut bl-obbligu tal-hlas skond l-ewwel Digriet.

Ghalhekk anki t-tielet aggravju qed jigi respint.

Ir-raba aggravju hu wkoll infondat ghaliex altru li jirrizultaw l-estremi tar-reat kontravvenzjonali dedott kontra l-appellant f' dan l-kaz u fejn l-appellant lanqas biss ressaq xi prova kwalsiasi *in sua difes*a w ghalhekk ix-xiehda ta' martu hija inkontestata.

Ikkonsidrat.

Il-hames aggravju hu li l-addebitu tar-recidiva ma giex pruvat skond il-ligi. Il-Prosekuzzjoni mal-komparixxi kienet

esebiet vera kopja ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-konfront tal-appellant fit-3 ta' Dicembru, 2007. F' din is-sentenza l-appellant kien ukoll instab hati b' reat kontinwat ta' nuqqas ta' hlas ta' manteniment lill-martu kif ordnat bid-Digriet fuq imsemmi tat-23 ta' Frar, 2007 u kien gie kundannat ghal xaharejn prigunerija sospizi ghall-sena w ordnat ihallas is-somma ta' LM250 lill-martu bhala manteniment ghax-xhur ta' Mejju sa Settembru, 2007 (Fol. 2).

Issa huwa minnu li f' dan il-kaz ma gie prodott ebda xhud la quddiem l-Ewwel Qorti u lanqas quddiem din il-Qorti biex jikkonferma li Joseph Schembri imsemmi fis-sentenza esebita hu l-istess appellant f' din il-kawza. Pero' mill-istess dokument jirrizulta b' mod skjaccanti li l-konnotati kollha komprizi, l-paternita', l-maternita', d-data tat-twelid, ir-residenza, il-post tax-xoghol u fuq kollox in-numru tal-karta tal-identita' tal-persuna misjuba hatja f' dik il-kawza huma identici sal-inqas dettall ma dawk tal-appellant kif jidhru fil-komparixxi f' din il-kawza. Ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li tikkonkludi bla ebda dubju dettat mir-raguni li l-identita' tal-hati f' dik il-kawza u dik tal-appellant odjerna kienu tal-istess persuna bil-prova dokumentarja rizultanti mill-kopja tas-sentenza esebita w li kwindi l-addebitu tar-recidiva kien jirrizulta sodisfacentement.

Inoltre u ghal kull buon fini mill-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni ta' din il-Qorti fl-istadju tal-appell, li indubbjament tirriferi ukoll ghall-appellant, stante li l-konnotati jaqblu perfettament, jirrizulta li kien l-appellant li fit-3 ta' Dicembru, 2007 kien gie sentenzjat kif fuq intqal. Ghalhekk f’dan l-kaz, ghalkemm il-fedina penali ma kienetx quddiem l-Ewwel Qorti w giet esebita biss f' dan l-istadju, ghall-konvinciment morali ta' din il-Qorti, din il-fedina penali tkompli taghmel prova konkluzziva - jekk qatt kien hemm bzonn - li kellu jirrizulta l-addebitu tar-recidiva li issa l-appellant qed jilmenta dwaru.

Ikkonsidrat;

Illi s-sitt u l-ahhar aggravju jirrigwarda l-piena ta' tlitt xhur prigunerija erogata mill-Ewwel Qorti. Illi dwar l-aggravju fuq il-piena, din il-Qorti kellha hafna okkazzjonijiet fejn ippronunzjat ruha li l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi w ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella**" [14.6.1999] , **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina"** [24.4.2003] u ohrajn.) F'dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi ghaliex fil-waqt li l-piena massima ghar-reat kontravvenzjonali li tieghu nstab hati l-appellant hija dik ta' xaharejn detenzjoni, din tista' tizdied minn grad sa zewg gradi minnhabba dak li jiddisponi l-artikolu 18 tal-Kap. 9 ghar-reat kontinwat , kif ukoll bi grad iehor minnhabba r-recidiva skond l-artikolu 50. F' dan il-kaz l-piena massima ghalhekk setghet addirittura titla' sa disa' xhur prigunerija skond l-artiklu 31(1) (b) (xii) (xiii) (xiv) u (c). Ghalhekk zgur li l-piena ma hix wahda eccezziva legalment.

Meta mbaghad wiehed jikkonsidra il-fatt li - apparti hdax il-kundanna ohra fuq reati differenti, din hija it-tielet kundanna fi zmien seba' (7) xhur li l-appellant issubixxa ghall-reat kontinwat ta' nuqqas ta' hlas ta' manteniment, u li ghall-ewwel zewg kundanni gie liberat kondizzjonatament u gie kundannat ghal xaharejn prigunerija sospizi ghal sena, rispettivament, din il-Qorti ma tarahiex bi kbira li l-Ewwerl Qorti hasset li din id-darba kellha tapplika piena karcerarja effettiva kif fil-fatt ghamlet.

Finalment, l-argument li ghax issa l-appellant ser jintbaghat il-habs ser jitpogga f' pozizzjoni li zgur ma jkunx jista' jhallas manteniment, tant hu fazull li ma jixraqlux jigi konsidrat. Jintqal biss li l-appellant m' ghandux bzonn sentenza ta' habs biex ma jhallasx manteniment ghax ilu aktar minn sena jisfida l-ordni tal-Qrati minkejja li baqa' jgawdi l-liberta'.

Ghalhekk anki dan l-aggravju dwar il-piena qed jigi respint.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma is-sentenza appellata fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------